MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1357/2002/1

***Raymond Gatt fil-kwalita' tieghu***
***ta' stralcarju tas-socjeta'***
***Continental Postform Ltd***

***vs***

***Joseph Desira ezercitanti l-kummerc***
***ghan-nom tad-ditta J. Desira & Sons***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut nomine jigi kkundannat ihallas lill-attur nomine s-somma ta' tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin u tmien centezmi (Lm388.08c) rappresentanti prezz ta' materjal mibjugh mis-socjeta' *Continental Postform Limited* lill-istess ditta konvenuta.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Jannar 2001 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut nomine.

Ra r-risposta tal-konvenut nomine li permezz taghha huwa eccepixxa:

1. in linea preliminari, l-konvenut ma huwiex il-legittimu kuntradittur

2. sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, t-talba attrici hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2148(b) tal-Kap.16.

3. sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, t-talba attrici hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16.

4. sussidjarjament u bla pregudizzju ghal premess, il-merkanzija kkonsenjata ma kienitx tal-kwalita’ pattwita.

5. salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2002, il-konvenut nomine fisser l-ewwel eccezzjoni tieghu meta ddikjara illi l-konvenut kif citat ma jezistix u li n-negozju kien sar bejn is-socjeta’ *Continental Postform Limited* u s-socjeta’ *Desira Woodworks Limited*.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Joseph Desira u ta’ Charles Busuttil ghan-nom ta’ l-attur nomine. Ra d-dokumenti esebieti konsistenti f’*invoice* esebita mill-konvenut Joseph Desira u mmarkata bhala Dokument JD1, kif ukoll C*ertificate of Compliance* u *Memorandum and Articles Of Association* tas-socjeta’ *Desira Woodworks Limited* esibiti u mmarkati bhala Dokument JD2, kif ukoll *statement* esibit minn Charles Busuttil ghan-nom ta’ l-attur nomine u mmarkat bhala Dokument CB1.

Illi fis-seduta tal-4 ta’ Novembru 2002, id-difensuri tal-kontendenti ttrataw l-ewwel tlett eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut nomine, u qablu illi l-kawza kellha tigi differita ghas-sentenza limitatament fuq dawn l-ewwel tlett eccezzjonijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

Illi l-konvenut Joseph Desira jixhed u jghid illi huwa direttur u azzjonista tas-socjeta' *Desira Woodworks Limited*. Ighid illi n-negozju li kien sar mas-socjeta' *Continental Postform Limited* kien sar mas-socjeta' *Desira Woodworks Limited* u mhux mieghu personalment u lanqas taht l-isem tad-ditta J. Desira & Sons, li fil-fatt ma tezistix. Huwa ezebixxa *invoice* mahruga mis-socjeta' *Continental Postform Limited* esebita bhala Dokument JD1 li ggib id-data tal-10 ta' Novembru 1995. Fid-dati li jidhru fl-*invoice*, meta sar in-negozju tas-socjeta' *Continental Postform Limited,* is-socjeta' *Desira Woodworks Limited* kienet diga giet iffurmata u l-konvenut ighid illi huwa kien jinnegozja f'isem is-socjeta' u mhux bhala negozjant ghal rasu. Huwa jkompli jghid illi ftit wara illi l-merkanzija kienet giet ikkonsenjata mis-socjeta' attrici, huwa kien mal-ewwel ilmenta maghhom illi l-merca kkonsenjata ma kienitx tal-kwalita' pattwita u dana kien xi gimgha wara illi l-merkanzija kienet giet ikkonsenjata. Din il-merkanzija kienet tikkonsisti f'postform. Huwa jghid illi minnahha tas-socjeta' *Continental Postform Limited*, huwa qatt ma ircieva risposta rigward dan l-ilment tieghu u ghalhekk huwa ma baqax jikkomunika maghhom.

Huwa jikkonferma illi dak iz-zmien huwa kien jordna ftit xoghol minn ghand is-socjeta' attrici u din ma kienitx xi haga regolari. Ighid illi l-hlas kien dejjem isir mal-konsenja, ghalkemm jikkonferma illi kien ghad hemm xi bilanci zghar dovuti. Jikkonferma inoltre illi huwa ilu zmien twil ma jircievi xi forma ta' korrispondenza minnahha tas-socjeta' *Continental Postform Limited* u l-ewwel darba li rega' sema' minn ghandhom kien meta ircieva l-avviz tal-kawza. Ghalhekk huwa assuma illi peress illi ghadda hafna zmien, s-socjeta' *Continental Postform Limited* kienu accettaw l-ilment tieghu illi l-merca ma kienitx tal-kwalita tajba u li ghalhekk ma kienux ghadhom qed jippretendu l-hlas tal-bilanc dovut. Jichad illi huwa rcieva l-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 2001.

Xehed ukoll Charles Busuttil, li kien id-Direttur tas-socjeta' *Continental Postform Limited*. Huwa jghid illi xogholu kien fl-amministrazzjoni tas-socjeta'. In-negozju ta' din is-socjeta' kien jikkonsisti fil-produzzjoni ta' *postform panels* li kienu jbieghu lil mastrudaxxa biex huma jaghmlu l-ghamara minnha. Jikkonferma illi d-Dokument JD1 hija invoice mahruga minn din is-socjeta' lid-ditta ta' Desira konsistenti fil-materjal li kien gie mibjugh lilha. Huwa ma jafx jekk din is-socjeta' kienitx tinnegozja mas-socjeta' *Desira Woodworks Limited* jew mas-sur Desira f'ismu personali. Ix-xhud ezebixxa statement ta' bilanc li kien ghadu dovut minn Jannar 1997 immarkat bhala Dokument CB1. Din fil-fatt kienet *reminder* li nharget f'Mejju 1998. Ighid illi l-kotba tas-socjeta' illum ma ghadhomx f'idejh u jiddubita kemm il-bilanc dovut thallas. Lanqas ma kien f'posizzjoni jghid meta l-merkanzija kienet giet ikkonsenjata, izda jghid li x'aktarx din kienet saret fl-1995 u li minn din id-data ma kienx gie pprezentat l-ebda att l-Qorti mis-socjeta' *Continental Postform Limited*. Huwa jghid illi kien isir negozju mal-konvenut b'mod regolari.

Ikkunsidra:

Illi din is-sentenza qed tinghata limitatment rigward l-ewwel tlett eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut nomine u cioe':

1. Illi l-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur u dana peress illi huwa qatt ma kien jinnegozja f'ismu personali jew taht l-isem tad-ditta J. Desira & Sons.

2. Illi l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Illi l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili

<u>L-EWWEL ECCEZZJONI</u>

Illi l-konvenut Joseph Desira, qieghed jeccepixxi illi huwa ma huwiex il-legittimu kuntradittur u dana peress illi huwa

qatt ma nnegozja f'ismu personali mas-socjeta' *Continental Postform Limited* u li noltre d-ditta J. Desira & Sons ma tezistix u qatt ma nnegozja taht l-isem ta' din id-ditta. Huwa jghid illi n-negozju kien dejjem isir mas-socjeta' kummercjali *Desira Woodworks Limited,* li hija s-socjeta' fejn huwa direttur u azzjonista.

Illi mill-atti processwali u senjatament mid-dokumenti esibiti jirrizulta s-segwenti;

1. Illi s-socjeta' *Desira Woodworks Limited* ilha li giet inkorporata mis-7 ta' Mejju 1982 u dana kif jirrizulta mic-*Certificate of Compliance* esibit bhala Dokument JD2.

2. Illi l-ghanijiet li ghaliha giet iffurmata is-socjeta' *Desira Woodworks Limited* hija appuntu biex tinnegozja fis-sengha tal-manifattura ta' l-ghamara u prodotti ohra maghmula mill-injam. Dana jirrizulta mill-*Objects Clause* fi hdan il-*Memorandum of Association* ta' l-istess kumpanija, esibit bhala Dokument JD2.

3. Illi wiehed mill-azzjonisti ta' din is-socjeta' huwa fil-fatt il-konvenut Joseph Desira u dana kif jirrizulta mill-istess dokument.

4. Illi kemm il-fattura esibita mill-konvenut Dokument JD1, kif ukoll l-*istatement/reminder* esibita minn Charles Busuttil ghan-nom ta' l-attur nomine u mmarkata bhala Dokument CB1, jindikaw illi din inharrget favur "J. Desira Woodworks", u li ghalhekk l-isem tad-ditta J. Desira & Sons ma tirraffigura minn imkien.

5. Illi l-uniku xhud prodott min-naha attrici, li kien l-amministratur tas-socjeta' *Continental Postform Limited* ma kienx jaf ma' min kien isir in-negozju u cioe' jekk hux mas-sur Desira f'ismu personali jew mas-socjeta' *Desira Woodworks Limited*.

Illi ghalhekk maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, jirrizulta bl-iktar mod car illi qatt ma sar negozju certament mal-konvenut kif citat u cioe' ma' Joseph Desira ezercenti l-kummerc taht l-isem tad-ditta J. Desira & Sons. L-isem ta'

din id-ditta ma johrog minn imkien lanqas mid-dokumenti esibiti minnahha attrici stess.

Illi l-konvenut irnexxielu jissotanzja din l-eccezzjoni tieghu kemm bix-xhieda tieghu kif ukoll bid-dokumenti prodotti minnu. L-attur nomine ma irnexxielux mill-provi prodotti minnu jwaqqa' din l-eccezzjoni, anzi x'aktarx jissostanzja l-istess anke mid-dokument CB1.

Illi huwa massimu legali illi socjeta' kummercjali mill-mument li tigi ffurmata, tassumi hajja gurdika indipendenti mill-membri jew azzjonsiti li jiffurmawha. Illi kwindi peress illi n-negozju sar bejn is-socjeta' *Continental Postform Limited* u s-socjeta' *Desira Woodworks Limited*, kif gie stabbilit, l-konvenut kif citat bil-prezenti azzjoni ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' *Continental Postform Limited* u lanqas ma' l-attur nomine.

Illi, in vista tal-premess it-Tribunal ma huwiex ser ighaddi biex jiddetermina l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut nomine.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur nomine u l-konvenut kif citat u kwindi jghaddi biex jillibera lill-istess konvenut u cioe' lil Joseph Desira ezercitanti l-kummerc taht l-isem tad-ditta *J. Desira & Sons*, mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-attur nomine.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

---------------------------------TMIEM---------------------------------